## Taqsima B - Grammatika (30 marka)

**Eżerċizzju 1: Ikteb il-Plural tal-kelma fil-parentesi.** (15-il marka)

1. Sar hawn wisq ____________ kull fejn tmur. (karozza)
2. F'pajjiżna spiċċajna nibnu fil-____________. (wied)
3. Xtrajt żewġ ____________ tal-kulur. (lapes)
4. Ftaħt l-____________ kollha. (xkora)
5. Fl-Iscouts m'għadhomx jattendu tfal ____________ biss. (tifel)

**Eżerċizzju 2: Daħħal l-oppost tal-Aġġettivi b'sing taħthom.** (15-il marka)

1. Il-basket huwa <u>tqil</u> imma l-qoffa hija ____________.
2. Il-biskuttin sibtu ____________ waqt li l-kejk kien <u>morr</u>.
3. Fis-sajf baħar <u>kalm</u> imma fix-xitwa baħar ____________.
4. Kien <u>imdejjaq</u> imma malajr sar ____________ meta qala' r-rigali.
5. Iz-zija hija <u>qasira</u>, iżda oħti hija ____________.

## Taqsima Ċ - Lingwa (30 marka)

**Eżerċizzju 1: Daħħal kelma waħda biex tkompli l-espressjoni.** (15-il marka)

1. Meta ratu ġej biċ-ċajt qaltlu, "Inti ġej bid-____________!"
2. Infaqt kollox u ġejt id wara u oħra ____________.
3. Riedni nagħti ____________ t'għajn fuq ix-xogħol.
4. Il-firda għamlitlu ____________ sewda.
5. Meta waħħal fija pponta ____________ lejja.

**Eżerċizzju 2: Imla l-vojt bil-kelma li jonqos fil-qawl.** (15-il marka)

1. Il-____________ ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser.
2. Il-____________ oħt il-għerf.
3. Is-____________ tkun taf kemm tiswa meta titlifha.
4. Il-____________ għaġġelija frieħ għomja tagħmel.
5. Ix-____________ għal kulħadd titla'.

**TMIEM**



# Eżami għall-Post ta' Messaġġier tal-Qorti fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja, Malta

## Mejju 2016

**Il-Malti** **Ħin: Siegħa u nofs**

**IL-KITBA KOLLHA TRID ISSIR FUQ L-ISKRITT IPPROVDUT.**

## Taqsima A - Fehim it-Test (40 marka)

***Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb l-eżerċizzji kollha dwarha.***

Jekk tiltaqa' miegħi fuq karozza tal-linja żgur li se ssibni bi ktieb f'idi għax ma naħmilx naħli l-ħin, u trid tiftakar li hemm nofs siegħa bejn il-Belt u Tas-Sliema. Nintefa' n-naħa ta' ġewwa tas-sit, jiġifieri lejn it-tieqa biex ninqata' minn man-nies, kemm dawk bilwieqfa u kemm dawk telgħin u neżlin. Imma dakinhar ta' dil-ġrajja kien beda jidlam u kontra qalbi għalaqt il-ktieb. Konna għadna fl-istejġ ta' taħt Bieb il-Bombi. Fuq tal-linja kien hemm in-nies bilwieqfa imma xorta telgħu iktar.

Fost dawk li telgħu kien hemm mara xwejħa, qasira, samranija u milwija, li tgħodd sewwa fuq is-sebgħin sena. Kellha libsa sewda mdendla u wiesgħa baħar fuqha, xagħarha iswed fil-griż, goff u miftuħ qisu piramida, immewweġ u miġbud lura b'biċċa qafla biex b'hekk ma jkunx jista' jaqa' fuq wiċċha. F'idha kellha basket kbir tal-ġilda mqaddem. F'riġlejha kienet tkaxkar qorq goff. Minn ħin għall-ieħor erħilha tixxotta għajnejha b'maktur kannella, kbir u mkagħbar, dawk għajnejha ħomor nar bid-dmugħ iċarċar minnhom il-ħin kollu. Tat salt u tnejn biex tipprova taħkem il-maqbad tas-saqaf tal-karozza iżda ma rnexxilhiex u kkuntentat billi ħatfet l-eqreb dahar ta' sit.

Ma ħsibthiex darbtejn. Kont għadni żagħżugħa u qomtilha. <u>Qalbi bdiet teħbirni</u> li dik ix-xwejħa kienet f'xi saram, fil-ħtieġa li <u>tiftaħ qalbha</u> ma' xi ħadd, għax kull kantuniera u stejġ li fih tasal il-karozza bdiet tħares 'il barra biex tiċċekkja minn fejn għaddejjin waqt li fl-istess ħin <u>tagħti daqqa t'għajn</u> lejna ta' madwarha biex bħallikieku ssaqsi xi ħaġa.

Kont niġi mill-Belt kuljum, bejn wieħed u ieħor fl-istess ħin, u tista' tgħid li drajt l-uċuħ tal-passiġġieri kollha li jinzertaw miegħi fuq il-karozza. Lil dawn tispiċċa ssellmilhom u wara ftit tgħaddi xi kumment u drabi taqbad konverżazzjoni wkoll. Imma dik ix-xwejħa ma kinitx waħda minn dawn. Ma nistax nispjega l-fatt li jien bdejt nieħu tant interess fiha u li <u>ma stajtx naqla' għajnejja</u> minn fuqha tant li <u>waħħaltha f'rasi</u> li xħin naslu Tas-Sliema nistaqsiha jekk teħtieġx xi ħaġa.

(silta addattata minn *Il-Bieb Numru 11 u stejjer oħra,* Lina Brockdorff, pġ.1-2)



**Eżerċizzju 1: Agħmel sinjal taħt Veru jew Falz skont is-silta.** (10 marki)

1. Il-karozza tal-linja telqet mill-Belt. ( Veru / Falz )
2. Il-vjaġġ kollu kien se jieħu nofs siegħa. ( Veru / Falz )
3. Din il-ġrajja seħħet filgħodu kmieni. ( Veru / Falz )
4. Il-karozza tal-linja kienet nofsha vojta. ( Veru / Falz )
5. In-narratriċi kienet tħobb toqgħod man-naħa tat-tieqa. ( Veru / Falz )

**Eżerċizzju 2: Agħmel sinjal taħt il-kelma li ma taqbilx mas-silta.** (10 marki)

1. Ix-xwejħa kienet (a) samranija, (b) imbaċċa, (ċ) qasira, (d) milwija.
2. Il-libsa tagħha kienet (a) sewda, (b) wiesgħa, (ċ) imdendla, (d) imqattgħa.
3. Xagħarha kien (a) abjad, (b) goff, (ċ) immewweġ, (d) miftuħ.
4. Il-basket li kellha kien (a) tal-ġilda, (b) kbir, (ċ) abjad, (d) qadim.
5. Il-maktur li użat kien (a) kannella, (b) irrigat, (ċ) imkagħbar, (d) kbir.

**Eżerċizzju 3: Sib il-kelma nieqsa mis-silta biex tkompli s-sentenza.** (10 marki)

1. In-narratriċi qamet bilwieqfa għax kienet għadha ____________________.
2. Ħasset li x-xwejħa kienet għaddejja minn xi ____________________.
3. Il-karozza tal-linja kienet taqbadha ____________________ mill-Belt.
4. Lill-____________________ li jirkbu magħha kienet drathom.
5. Kienet issellmilhom u ġieli taqbad ____________________ magħhom.

**Eżerċizzju 4: Ikteb it-tifsira mill-kaxxa li taqbel mal-idjoma.** (10 marki)

| (a) bqajt inħares, (b) tħares b'ħeffa, (ċ) titkellem, (d) iddeċidejt, (e) indunajt |
|---|

1. qalbi bdiet teħbirni - ____________________
2. tiftaħ qalbha - ____________________
3. tagħti daqqa t'għajn - ____________________
4. ma stajtx naqla' għajnejja - ____________________
5. waħħaltha f'rasi - ____________________